# Kategoriji tal-persunal tal-qorti fl-UE

## Malta

Informazzjoni pprovduta minn: Id-Dipartiment tal-Qrati tal-Ġustizzja

Mejju, 2014

| DESKRIZZJONI TAL-KATEGORIJI TAL-PERSUNAL TAL-QORTI f'Malta | |
|---|---|
| *1. Kategorija / professjoni tal-persunal tal-Qorti* | |
| Isem tal-Kategorija tal-Persunal tal-Qorti | Bil-Malti: **Deputat Reġistratur** |
| | Bl-Ingliż: **Deputy Registrar** |
| Bażi ġuridika / dokumenti regolatorji | (1) L-Artikolu 8 tad-dokument li ġej (Qrati Ċivili): http://justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=9037&l=2<br><br>(2) L-Artikolu 2 tad-dokument li ġej (Qrati Kriminali) b'referenza għad-dokument preċedenti: http://justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=8980&l=2<br><br>(3) Il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (Qrati Ċivili) http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=8577&l=2<br><br>(4) Il-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (Qrati Kriminali) http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=8574&l=2 |
| *2. Aċċess għall-kategorija / professjoni* | |
| Il-Kundizzjonijiet Ewlenin tal-Aċċess | **Kwalifiki**:<br><br>• Diploma tal-iskola sekondarja / għolja<br>• Lawrja tal-edukazzjoni għolja<br>• Diploma tal-istat tal-edukazzjoni għolja fil-liġi |

| | |
|---|---|
| | **<u>Aspetti tal-liġi tal-UE</u>**: huma **obbligatorji** |
| Il-proċess tal-aċċess | Il-proċedura ta' reklutaġġ: isseħħ fil-**livell tal-qorti**<br>• Intervista minn ġurija ta' reklutaġġ |
| Rotot ta' aċċess alternattivi | Rotot ta' trasferiment minn professjonijiet oħra:<br>**Iva**<br>• Intervista interna għal impjegati taċ-ċivil |
| *3. Responsabbiltajiet / Dmirijiet* | |
| Responsabbiltajiet ġenerali | • Proċeduri<br>• Ġestjoni<br>• Id-dmirijiet ewlenin ta' deputat reġistratur huma dawn li ġejjin: li jmexxi lit-tim tal-ġudikatura assenjat lil membru tal-ġudikatura jew lil kull reġistru li fih ikun ġie assenjat, li jirrappreżenta lir-Reġistratur u għalhekk jattendi għas-seduti tal-Qorti, li jħejji atti ta' proċedimenti għal seduti tal-qorti, li jintaxxa u jivvalutata l-kont tal-ispejjeż ġudizzjarji, li jiffirma d-dokumenti kollha li bil-liġi jeħtieġu firma mir-Reġistratur, li jittraskrivi proċedimenti ġudizzjarji rreġistrati b'mezzi diġitali, li jdaħħal is-sentenzi mogħtija fis-sistema tal-IT u dmirijiet oħra relatati ma' seduti tal-qorti li jistgħu jiġu assenjati mir-Reġistratur minn żmien għal żmien.<br>**Id-Deputati Reġistraturi għandhom rwol importanti f'dawn li ġejjin**:<br>• Il-liġi u l-proċeduri ċivili (proċeduri ċivili transfruntieri)<br>• Il-liġi u l-proċeduri kummerċjali (proċeduri kummerċjali transfruntieri)<br>• Il-liġi u l-proċeduri kriminali (proċeduri kriminali transfruntieri)<br>• Il-liġi u l-proċeduri amministrattivi<br>• Il-liġi u l-proċeduri tal-kompetizzjoni<br>• Il-liġi u l-proċeduri ambjentali<br>• Assistenza lil imħallfin u/jew prosekuturi pubbliċi<br>• Il-ġestjoni tal-Qrati (Awtentikazzjoni ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji) |
| Rwol fi proċess | **<u>Aspetti tal-liġi tal-UE</u>**: qed isiru dejjem aktar importanti hekk kif |

| | |
|---|---|
| b'aspetti tal-liġi tal-UE | qed jiġu adottati aktar strumenti leġiżlattivi tal-UE. |
| *4. Organizzazzjoni tal-kategorija / professjoni* | |
| Struttura tal-Organizzazzjoni | Id-Dipartiment tal-Qrati tal-Ġustizzja |
| Fornituri tat-taħriġ | • **L-Università ta' Malta – Kors ta' Diploma fil-Liġijiet tal-Proċedura** (fakultattiv): l-għan ta' dan il-kors ta' Diploma huwa li jgħallem l-applikazzjoni tal-liġi tal-proċedura, il-liġi ċivili, amministrattiva, kostituzzjonali, kriminali, ekkleżjastika u Ewropea u l-liġi industrijali. Għalkemm din mhijiex diploma li twassal direttament għall-eżerċizzju ta' professjoni legali speċifika, l-oqsma koperti jagħtu lill-istudenti għarfien u ħiliet li jistgħu jiġu utilizzati f'karriera fid-Dipartiment tal-Qrati tal-Ġustizzja. Dan il-kors ta' Diploma jista' jkun sponsorjat.<br>• **CDRT - Iċ-Ċentru għall-Iżvilupp, ir-Riċerka u t-Taħriġ** (fakultattiv)<br>• **Id-Dipartiment tal-Qrati tal-Ġustizzja**<br><br>Sit(i) web:<br><br>http://www.um.edu.mt/malti<br><br>http://cdrt.gov.mt/home?l=2<br><br>https://opm.gov.mt/mt/justice/Pages/Justice-in-Malta.aspx |
| numri | Struttura 1 tas-settur privat<br><br>2-5 strutturi tas-settur pubbliku |
| tipi | Struttura tas-settur pubbliku<br><br>Struttura tas-settur privat |
| Isem/ismijiet | |

| | |
|---|---|
| Organizzazzjoni(jiet) professjonali | **Mhux applikabbli** |

Sors: **Proġett Pilota - Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew: "*Lot 3 – State of play of training of court staff in EU law and promotion of cooperation between training providers at EU level*", imwettaq mill-European Institute of Public Administration (EIPA) flimkien ma' konsorzju**